MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 1764/1999/1

Avviz Nru:-1764/99DM

Public Broadcasting Services Limited

Vs

Jagrove Services Limited

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema tal-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti sabiex jhallsu l-ammont ta' disa' mija disa' u disghin liri Maltin (Lm999.00) dovut lil dik is-socjeta bhala l-valur tas-servizzi ta' reklamar rezi lill-konvenuti fuq l-istazzjoni televizi TVM.

Bl-imghax mid-data tas-servizz moghti u bl-ispejjez ta' din il-procedura, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Ottubru, 1999, kontra l-konvenuti li gew ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Jagrove Services Limited fejn eccepew illi:

1 It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li :

(a) Servizzi ta’ reklamar mibjugha is-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta ma kienux tal-kwalita pattwita;
(b) Inoltre s-socjeta attrici hija debitrici fil-konfront tas-socjeta konvenuta fl-ammont ta’ Lm195.00 u ghalhekk jezisti lok ghal tpacija;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ghal dak li jirrigwarda t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuti li tirrigwarda l-kumpensazzjoni tas-somma ta’ Lm195. (mija hamsa u disghin lira Maltin) li huma jallegaw li ghandhom jiehdu minghand l-atturi, jirrizulta illi l-kumpanija attrici irrikonnoxxiet dan id-debitu taghha u effettivament accettat il-kumpens ta’ din is-somma u, skond id-deposizzjoni ta’ Eric Vella Bonnici, l-atturi issa qieghdin jippretendu li jigu kannonizzati kredituri tal-konvenuti fis-somma ridotta ta’ Lm804 (tmien mija u erba’ liri Maltin).

Fil-meritu, jirrizulta qbil bejn il-partijiet illi effettivament kien sar ftehim bejniethom permezz ta’ liema l-atturi kellhom jirriklamaw fl-interess tal-konvenuti fuq programm li kien jismu ‘Pjazza 3’ ghal perjodu bejn Jannar u April tal-1998, u ta’ dan ir-reklamar il-konvenuti kienu obbligaw ruhhom li jhallsu s-somma ta’ Lm1,000 (elf lira Maltin)

Ghalhekk l-ezami tal-Qorti huwa limitat ghal konstatazzjoni sabiex jigistabbilit jekk effettivament l-atturi

kienux esegwew l-inkarigu taghhom fl-intier tieghu u skond il-modalita' kif pattwit bejn il-kontendenti.

Minn-naha tal-atturi huma jirrikonnoxxu illi mir-reklami miftehma, kif jirrizulta mid-dokument 3 a fol 12 (tal-process ), l-atturi kienu bi' svista naqsu li jghamlu l-ewwel zewgt reklami u evidentement l-atturi jirrikonnoxxu li ta' dawn iz-zewgt reklami li ma ghamlux m'ghandhomx jithallsu.

Minn-naha taghhom il-konvenuti isosstnu illi anke fir-reklami sussegwenti li saru kien hemm nuqqasijiet ohra u illi minhabba n-nuqqasijiet fl-esekuzzjoni tar-reklamar da parti tal-atturi kienet saret transazzjoni bejn il-kontendenti kkonfermata bl-ittra tal-konvenuti tal-1 t'Ottubru 1999 (dokument Nru 5 **a fol 14 tal-process)** permezz ta' liema l-atturi ipprovdew a disposizzjoni tal-konvenuti sitt (6) reklami ta' tletin sekonda l-wiehed fi 'prime time' sabiex jghamlu tajjeb ghan-nuqqasijiet u wara li dawn is-sitt reklami jigu attwati, l-konvenuti kienu tenuti li jhallsu l-bilanc.

Izda kif jispega Paul Berman, ghan-nom tal-kumpanija konvenuta, l-kumpanija konvenuta qatt ma setghet tutilizza dan l-ispazju fil-programmi tal-PBS billi ma kelliex materjal x'tirreklama f'dawn it-tletin sekonda u ghalhekk kienet talbet fakolta' li tista' tittrasferixxi l-koncessjoni moghtija lilha lill terzi sabiex tinghalaq il-kwistjoni.

Evidentement mat-trasmissjoni ta' dawn is-sitt reklami ta' tletin sekonda l-wiehed, il-kumpanija konvenuta kienet tkun obbligata li taghmel il-pagament a saldu ta' Lm804 (tmien mija u erba' liri Maltin) dovuti lill-atturi.

Da parti tal-atturi ma saretx kontestazzjoni ta' dak li allega Paul Berman ghar-rigward in-nuqqasijiet kollha minnhu allegati fejn jirrigwarda l-ftehim originali bejn il-kontendenti, u ghalhekk wiehed jifhem illi l-offerta tas-sitt (6) reklami ta' tletin sekonda giet maghmula biex tissostitwixxi r-reklami originali illi kienu jew ma sarux jew kienu affetti minn difetti.

Ghalhekk illum il-kwistjoni tirrisolvi ruha dwar jekk l-atturi ghandhomx id-dritt illi jesigu hlas ghal sitt (6) reklami ta tletin sekonda ‘prime time’ li ghadhom ma sarux ghaliex il-konvenuti mhumiex f’posizzjoni li jutilizzawhom u jekk l-atturi humiex gustifikati li jirrifjutaw li l-konvenuti jittrasferixxu l-koncessjoni lilhom moghtija lill terzi biex il-kwistjoni tista’ tigi finalment risolta.

Evidentement hadd ma ghandhu dritt li jesigi hlas ta’ servizz li effettivament ikun ghadu ma inghatax, meta ma jkunx hemm ftehim espress li jwassal ghal konkluzzjoni mod iehor.

Ghalkemm f’dan il-kaz jirrizulta illi l-offerta ta’ sitt (6) reklami fil-fatt giet accettata, xorta wahda jirrizulta illi l-konvenuti ma ghamlux uzu minn din il-koncessjoni u m’ghandhom l-ebda intenzjoni li jghamlu uzu fil-futur u ghalhekk fin-nuqqas li l-atturi jaccettaw li jghamlu l-istess reklami fl-interess ta’ haddiehor fuq istruzzjonijiet tal-konvenuti, l-atturi jibqaw meqjusa li ghadhom ma taw ebda servizz u ghalhekk ma humiex intitolati ghall-hlas.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-talba attrici;

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------